DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2087

tas-26 ta' Settembru 2022

li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2020 u li tinforma lill-manifatturi dwar il-valuri li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u tal-miri ta' deroga għas-snin kalendarji mill-2021 sal-2024 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2022)6754)

(It-testi biċ-Ċek, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bit-Taljan u bl-Ungeriż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/631, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddetermina, kull sena, l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 u l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal kull manifattur responsabbli għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni, fl-Iżlanda, fin-Norveġja u, sas-sena kalendarja 2020, fir-Renju Unit, kif ukoll għal kull konsorzju ta' manifatturi. Fuq dik il-bażi, ġiet stabbilita l-prestazzjoni tal-manifatturi jew tal-konsorzji ta' manifatturi f'konformità mal-obbligu tagħhom li ma jaqbżux il-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tagħhom.

(2) Il-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 u tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għas-sena kalendarja 2020 huwa bbażat fuq id-*data* dettaljata tal-awtoritajiet relaturi fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda matul dik is-sena kalendarja.

(3) Il-pajjiżi kollha ppreżentaw id-*data* tagħhom għall-2020 lill-Kummissjoni, għalkemm f'xi każijiet kien hemm xi dewmien meta mqabbel mal-iskadenza għar-rapportar tat-28 ta' Frar 2021. Meta, wara verifika tad-*data* mill-Kummissjoni, kien evidenti li ċertu *data* kienet nieqsa jew manifestament skorretta, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-awtoritajiet relaturi kkonċernati u, soġġett għall-qbil tagħhom,aġġustat u kkompletat id-*data* kif xieraq. F'każijiet fejn ma seta' jintlaħaq l-ebda qbil mal-awtorità relatur, id-*data* proviżorja ppreżentata minn dak il-pajjiż ma ġietx aġġustata.

(4) Fid-29 ta' Ġunju 2021, ġiet ippubblikata d-*data* proviżorja u l-Kummissjoni nnotifikat lil 93 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u lil 68 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief, kif ukoll lill-konsorzji rispettivi, bil-kalkoli proviżorji tal-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom tas-CO_2 u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tagħhom fl-2020.

([1]) ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

(5) Il-manifatturi ntalbu jivverifikaw id-*data* proviżorja f'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/631 u jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żball fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu n-notifika. 63 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u 42 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief ippreżentaw notifika ta' żbalji.

(6) Id-*data* proviżorja kienet tinkludi fatturi ta' korrezzjoni, kemm għall-karozzi tal-passiġġieri, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 ([2]) kif ukoll għall-vetturi kummerċjali ħfief, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 ([3]). Meta jitqies li l-fatturi ta' korrezzjoni finali kienu ugwali għal wieħed għall-manifatturi kollha u l-konsorzji tagħhom, il-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ma kienx hemm bżonn li jiġi kkoreġut.

(7) Għal żewġ manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u għal manifattur wieħed tal-vetturi kummerċjali ħfief, il-vetturi kollha rrappurtati fis-sett tad-*data* proviżorju kienu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631. Għal manifattur wieħed tal-karozzi tal-passiġġieri, l-ebda waħda mill-vetturi fis-sett tad-*data* proviżorju ma kellha valuri tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 irrapportati abbażi tal-NEDC u, għalhekk, dan il-manifattur mhuwiex inkluż f'din id-Deċiżjoni.

(8) Għat-30 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u għas-26 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief l-oħra li ma nnotifikaw l-ebda żball fis-settijiet tad-*data* jew li ma bagħtu l-ebda tweġiba oħra, jenħtieġ li d-*data* proviżorja u l-kalkoli proviżorji tal-emissjonijiet speċifiċi medji u tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi jiġu kkonfermati.

(9) Il-Kummissjoni vverifikat l-iżbalji nnotifikati mill-manifatturi u r-raġunijiet għall-korrezzjoni tagħhom, u s-sett tad-*data* proviżorju ġie kkonfermat jew emendat kif xieraq. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li d-*data* proviżorja għal 93 manifattur tal-karozzi tal-passiġġieri u għal 68 manifattur tal-vetturi kummerċjali ħfief tiġi kkonfermata jew emendata.

(10) F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/631, jenħtieġ li manifattur jitqies li jikkonforma mal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu meta l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tiegħu indikati f'din id-Deċiżjoni ma jaqbżux il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu. Għall-manifatturi li jkunu membri ta' konsorzju, jenħtieġ li l-konformità tiġi vvalutata fil-livell tal-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament. Għall-manifatturi jew għall-konsorzji li kienu ngħataw deroga mill-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tagħhom għas-sena kalendarja 2020 f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 jiġu vvalutati għall-konformità mal-miri ta' deroga mogħtija lilhom.

(11) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/631, għal kull manifattur jew konsorzju, huma biss 95 % tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda tiegħu rreġistrati matul is-sena kalendarja 2020, magħżula abbażi tal-livelli tal-emissjonijiet tagħhom, li jitqiesu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 għal dak il-manifattur jew konsorzju.

(12) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/631, meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri, kull karozza tal-passiġġieri ġdida b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 inqas minn 50 g CO_2/km (NEDC) titqies bħala żewġ karozzi tal-passiġġieri fis-sena kalendarja 2020, sa kontribuzzjoni ta' "super krediti" ta' 7,5 g CO_2/km għal kull manifattur jew konsorzju.

(13) L-iffrankar ta' CO_2 miksub bis-saħħa tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi li jagħtu kontribuzzjoni vverifikata għat-tnaqqis tas-CO_2 u li ġew approvati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631 ("ekoinnovazzjonijiet") jitqies għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2, sa kontribuzzjoni totali ta' 7 g CO_2/km għal kull manifattur jew konsorzju. Fis-sena kalendarja 2020, jitqies biss l-iffrankar tas-CO_2 miksub bis-saħħa tal-ekoinnovazzjonijiet u ddeterminat abbażi tal-NEDC.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1014/2010 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 679).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 293/2012 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 644).

(14) Ir-rekords bil-kodiċi tal-iżball B, jiġifieri b'*data* kompluta dwar il-massa fi stat ta' tħaddim u l-emissjonijiet tas-CO_2 iżda b'numri ta' identifikazzjoni tal-vettura nieqsa jew skorretti jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-kalkolu tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2. Madankollu, il-fatt li l-manifatturi ma jistgħux jivverifikaw jew jikkoreġu dawk ir-rekords jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. Għalhekk, jixraq li jiġi applikat marġni ta' żball meta tiġi ddeterminata d-distanza li jkun fadal biex tintlaħaq il-mira tal-manifattur ikkonċernat.

(15) Il-marġni ta' żball jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn id-distanzi bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 u l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi kkalkulati, filwaqt li minn naħa waħda jiġu inklużi r-reġistrazzjonijiet kollha tal-vetturi li ma jistgħux jiġu vverifikati mill-manifattur u min-naħa l-oħra jiġu esklużi dawk ir-reġistrazzjonijiet. Kemm jekk dik id-differenza tkun pożittiva kif ukoll jekk tkun negattiva, il-marġni ta' żball jiġi applikat biex dejjem itejjeb il-pożizzjoni tal-manifattur fir-rigward tal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

(16) Meta, wara li jitqies il-marġni ta' żball, id-distanza mill-mira ta' manifattur jew ta' konsorzju, skont il-każ, tkun ogħla minn żero, irid jiġi impost primjum għal emissjonijiet eċċessivi f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/631. Dan huwa l-każ għal sitt manifatturi individwali tal-karozzi tal-passiġġieri (Subaru, Jaguar Land Rover, Bentley, DR Motor, Lamborghini u McLaren), għal żewġ konsorzji ta' manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri (il-konsorzju Suzuki u l-konsorzju Volkswagen-SAIC), u għal manifattur individwali wieħed ta' vetturi kummerċjali ħfief (Ssangyong).

(17) F'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2019/631, il-manifatturi responsabbli għal inqas minn 1 000 reġistrazzjoni ta' vetturi ġodda huma eżentati milli jilħqu mira ta' emissjonijiet speċifiċi. Madankollu, jixraq li jiġu kkalkulati u rrappurtati l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom kif ukoll in-numru ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi ġodda.

(18) Il-manifatturi jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll dwar il-valuri li jridu jintużaw għall-kalkolu tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u tal-miri ta' deroga għas-snin kalendarji mill-2021 sal-2024 f'konformità mal-punti 4 u 5 tal-Partijiet A u B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631.

(19) Il-valuri relatati mal-prestazzjoni ta' manifattur kif ikkonfermati jew emendati minn din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu riveduti jekk l-awtoritajiet rilevanti nazzjonali jikkonfermaw l-eżistenza ta' irregolaritajiet fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 jew fil-valuri tal-massa pprovduti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità tal-manifattur mal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-valuri relatati mal-prestazzjoni tal-manifatturi u tal-konsorzji tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief fir-rigward tas-sena kalendarja 2020 huma speċifikati fil-Partijiet A u B tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-valuri li jridu jintużaw għall-kalkolu tal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi u tal-miri ta' deroga għas-snin kalendarji mill-2021 sal-2024 f'konformità mal-punti 4 u 5 tal-Partijiet A u B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 huma speċifikati fil-Partijiet A u B tal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-manifatturi individwali u l-konsorzji li ġejjin, li ġew iffurmati f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/631:

(1) ADAM OPEL GMBH
Bahnhofsplatz 1IPC 39-13
65423 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(2) ADDAX MOTOR NV
Kleine Tapuitstraat 18
8540 Deerlijk
Il-Belġju

(3) ADIDOR VOITURES SAS
2/4 Rue Hans List
78290 Croissy-sur-Seine
Franza

(4) ALFA ROMEO SPA
C.so G. Agnelli, 200
10135 Torino
L-Italja

(5) ALKE SRL
via Vigonovese 123
35127 Padova
L-Italja

(6) ALPINA BURKARD BOVENSIEPEN GMBH E CO KG
Alpenstraße 35 - 37
86807 Buchloe
Il-Ġermanja

(7) ANHUI JIANGHUAI AUTOMOBILE
Via Lanzo 27
10071 Borgaro Torinese
L-Italja

(8) ASTON MARTIN LAGONDA LIMITED
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Aston Martin Lagonda of Europe GmbH,
Unterschweinstiege 2-14
60549 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(9) AUDI AG
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(10) AUDI HUNGARIA MOTOR KFT
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(11) AUDI SPORT GMBH
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(12) AUTOMOBILE DACIA S,A,
122-122 bis avenue du Général Leclerc
92100 Boulogne-Billancourt
Franza

(13) AUTOMOBILES CITROEN
2-10 boulevard de l'Europe
78300 Poissy
Franza

(14) AUTOMOBILES PEUGEOT
2-10 boulevard de l'Europe
78300 Poissy
Franza

(15) AUTOMOBILI LAMBORGHINI SPA
via Modena 12
40019 Sant'Agata Bolognese (BO)
L-Italja

(16) AVTOVAZ JSC
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
CS AUTOLADA
211 Konevova
130 00 Praha 3
Ir-Repubblika Ċeka

(17) BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(18) BEIJING BORGWARD AUTOMOTIVE CO LTD
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Borgward Group AG
Kriegsbergstraße 11
70174 Stuttgart
Il-Ġermanja

(19) BENTLEY MOTORS LTD
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Bentley Motors Germany GmbH
Zeppelinstraße 1
85399 Hallbergmoos
Il-Ġermanja

(20) BLUECAR SAS
31-32 quai de Dion Bouton
92800 Puteaux
Franza

(21) BMW M GMBH
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(22) Konsorzju BMW (M1)
Maniġer tal-konsorzju:
Bayerische Motoren Werke AG
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(23) BUGATTI AUTOMOBILES SAS
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(24) BYD AUTO INDUSTRY COMPANY LIMITED
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
c/o BYD Europe B.V.
's-Gravelandseweg 256
3125 BK Schiedam
In-Netherlands

(25) CATERHAM CARS LIMITED
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Caterham Competition France
Vallon de Fontanes
30520 Saint-Martin-de-Valgalgues
Franza

(26) CHEVROLET ITALIA SPA
Viale Alexandre Gustave Eiffel 15
00148 Roma
L-Italja

(27) CNG-TECHNIK GMBH
Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(28) DFSK MOTOR CO LTD
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Giotti Victoria Srl
Giotti Victoria Srl Via Pisana, 11/a
50021 Barberino, Val D' Elsa (FI)
L-Italja

(29) DONKERVOORT AUTOMOBIELEN BV
Pascallaan 96
8218 NJ Lelystad
In-Netherlands

(30) DR AUTOMOBILES SRL
Zona Industriale, Snc
86070 Macchia d'Isernia
L-Italja

(31) DR ING HCF PORSCHE AG
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(32) DR MOTOR COMPANY SRL
SS 85 Venafrana km 37500
86070 Macchia d'Isernia
L-Italja

(33) ESAGONO ENERGIA SRL
Via Puecher 9
20060 Pozzuolo Martesana (MI)
L-Italja

(34) FABBRICA DALLARA SRL
Via Guglielmo Marconi 18
43040 Varano de' Melegari (PR)
L-Italja

(35) FABRYKA SAMOCHODÓW OSOBOWYCH SPÓŁKA AKCYJNA
ul. Jagiellońska 88
00-992 Warszawa Tel.
Il-Polonja

(36) FCA ITALY SPA
C.so G. Agnelli 200
10135 Torino
L-Italja

(37) Konsorzju FCA (M1)
Maniġer tal-konsorzju:
FCA Italy S.p.A.
C.so G. Agnelli 200
10135 Torino
L-Italja

(38) Konsorzju FCA-PSA (N1)
Maniġer tal-konsorzju:
FCA Italy S.p.A.
C.so G. Agnelli 200
10135 Torino
L-Italja

(39) FCA US LLC
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
FCA Italy S.p.A.
C.so G. Agnelli 200
10135 Torino
L-Italja

(40) FERRARI SPA
Via Emilia Est 1163
41122 Modena
L-Italja

(41) FORD INDIA PRIVATE LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Ford-Werke GmbH
Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(42) FORD MOTOR COMPANY

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Ford-Werke GmbH
Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(43) FORD MOTOR COMPANY OF AUSTRALIA LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Ford-Werke GmbH
Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(44) FORD-WERKE GMBH

Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(45) Konsorzju FORD-VOLKSWAGEN (N1)

Maniġer tal-konsorzju:
Ford-Werke GmbH
Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(46) Konsorzju FORD-VOLVO (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Ford-Werke GmbH
Henry Ford Street 1
50725 Köln
Il-Ġermanja

(47) GENERAL MOTORS HOLDINGS LLC

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
KnowMotive
Bouwhuispad 1
8121 PX Olst
In-Netherlands

(48) GOUPIL INDUSTRIE SAS

Route de Villeneuve
47320 Bourran
Franza

(49) GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Great Wall Motor Europe Technical Center
Otto-Hahn-Str. 5
63128 Dietzenbach
Il-Ġermanja

(50) GUMPERT AIWAYSAUTOMOBILE GMBH

Carl-Hahn-Straße 5
85053 Ingolstadt
Il-Ġermanja

(51) HENAN SUDA ELECTRIC VEHICLE TECHNOLOGY CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
DCKD Gmbh
Am Falder 4
40589 Düsseldorf
Il-Ġermanja

(52) HONDA MOTOR CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Honda Motor Europe Ltd.
Wijngaardveld 1 (Noord V)
9300 Aalst
Il-Belġju

(53) HYUNDAI ASSAN OTOMOTIV SANAYI VE TICARET AS

Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(54) Konsorzju HYUNDAI (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Hyundai Motor Company
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH
Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(55) Konsorzju HYUNDAI (N1)

Maniġer tal-konsorzju:
Hyundai Motor Company
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH
Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(56) HYUNDAI MOTOR COMPANY

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH
Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(57) HYUNDAI MOTOR MANUFACTURING CZECH SRO

Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(58) ISUZU MOTORS LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Isuzu Motors Europe NV
Bist 12
B-2630 Aartselaar
Il-Belġju

(59) IVECO SPA

Via Puglia 35
10156 Torino
L-Italja

(60) JAGUAR LAND ROVER LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
JLR Ireland (Services) Ltd, Software Engineering Centre,
Three Airport Avenue, Shannon Industrial Estate
V14 YH92 Shannon (Co. Clare)
L-Irlanda

(61) JIANGLING MOTOR HOLDING CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Aiways Automobile Europe GmbH,
Moosacher Straβe 82 a
80809 München
Il-Ġermanja

(62) Konsorzju KIA (M1)

Maniġer tal-konsorzju:

Kia Corporation
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH
Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(63) Konsorzju KIA (N1)
Maniġer tal-konsorzju:
Kia Corporation
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH
Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(64) KIA CORPORATION

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Hyundai Motor Europe Technical Center GmbH
Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(65) KIA SLOVAKIA SRO

Hyundai-Platz
65428 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(66) LADA AUTOMOBILE GMBH

Erlengrund 7
21614 Buxtehude
Il-Ġermanja

(67) LANZHOU ZHIDOU ELECTRIC VEHICLE CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Nextem Italia Srl
Via Marradi 14
57126 Livorno
L-Italja

(68) LIGIER GROUP

Route d'Hauterive 105
3200 Abrest
Franza

(69) LONDON EV COMPANY

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
China-Euro Vehicle Technology (CEVT)
Theres Svenssons Gata 7
41755 Göteborg
L-Iżvezja

(70) LOTUS CARS LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
China-Euro Vehicle Technology (CEVT)
Theres Svenssons Gata 7
41755 Göteborg
L-Iżvezja

(71) MAGYAR SUZUKI CORPORATION LTD

Schweidel József u. 52.
2500 Esztergom
L-Ungerija

(72) MAHINDRA & MAHINDRA LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Mahindra Europe Srl
Via Cancelliera 35
00072 Ariccia (Ruma)
L-Italja

(73) Konsorzju MAN-SAIC (N1)

Maniġer tal-konsorzju:
MAN Truck & Bus SE
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(74) MAN TRUCK & BUS SE

Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(75) MARUTI SUZUKI INDIA LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Magyar Suzuki Corporation Ltd.
Schweidel József u. 52.
2500 Esztergom
L-Ungerija

(76) MASERATI SPA

Viale Ciro Menotti 322
41122 Modena
L-Italja

(77) MAZDA MOTOR CORPORATION

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Mazda Motor Europe GmbH
European R&D Centre
Hiroshimastr. 1
61440 Oberursel/Taunus
Il-Ġermanja

(78) MAZDA MOTOR LOGISTIC EUROPE N.V.

Blaasveldstraat 162
2830 Willebroek
Il-Belġju

(79) MCLAREN AUTOMOTIVE LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
McLaren Automotive Europe S.L.U.
Pol. Ind. L'Albornar S/N 43710,
Santa Oliva, Tarragona
Spanja

(80) MERCEDES-AMG GMBH

Daimlerstrasse 1,
71563 Affalterbach
Il-Ġermanja

(81) MERCEDES-BENZ AG

Mercedesstraße 120
70372 Stuttgart
Il-Ġermanja

(82) Konsorzju MERCEDES-BENZ (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Mercedes-Benz AG
Mercedesstraße 120
70372 Stuttgart
Il-Ġermanja

(83) Konsorzju MERCEDES-BENZ (N1)

Maniġer tal-konsorzju:
Mercedes-Benz AG
Mercedesstraße 120
70372 Stuttgart
Il-Ġermanja

(84) MG MOTOR UK LIMITED

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
SAIC Motor Europe B.V.
Professor W.H. Keesomlaan 12
Amstelveen
In-Netherlands

(85) MITSUBISHI MOTORS CORPORATION (MMC)

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Mitsubishi Motor R&D Europe GmbH
Diamantstraße 1
65468 Trebur
Il-Ġermanja

(86) MITSUBISHI MOTORS THAILAND CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Mitsubishi Motor R&D Europe GmbH
Diamantstraße 1
65468 Trebur
Il-Ġermanja

(87) MORGAN TECHNOLOGIES LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Corbital Limited
8 Priory Office Park
Stillgorgan Road
Blackrock
Co. Dublin
L-Irlanda

(88) NEXT E.GO MOBILE SE

Lilienthalstraße 1
52068 Aachen
Il-Ġermanja

(89) NISSAN INTERNATIONAL SA

Nissan Automotive Europe SAS
8 rue Jean-Pierre Timbaud,
78180 Montigny-le-Bretonneux
Franza

(90) OPEL AUTOMOBILE GMBH

Bahnhofsplatz 1IPC 39-13
65423 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(91) PAGANI AUTOMOBILI SPA

Via dell' Artigianato 5
41018 San Cesario sul Panaro (Modena),
L-Italja

(92) PIAGGIO & C SPA

Viale Rinaldo Piaggio, 25
56025 Pontedera (Pisa)
L-Italja

(93) PSA AUTOMOBILES SA

2-10 boulevard de l'Europe
78300 Poissy
Franza

(94) Konsorzju PSA-OPEL (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
PSA Automobiles SA
2-10 boulevard de l'Europe
78300 Poissy
Franza

(95) Konsorzju RENAULT-NISSAN-MITSUBISHI (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Renault SAS
122-122 bis avenue du Général Leclerc
92100 Boulogne-Billancourt
Franza

(96) Konsorzju RENAULT-NISSAN-MITSUBISHI (N1)

Maniġer tal-konsorzju:
Renault SAS
122-122 bis avenue du Général Leclerc
92100 Boulogne-Billancourt
Franza

(97) RENAULT SAS

122-122 bis avenue du Général Leclerc
92100 Boulogne-Billancourt
Franza

(98) RENAULT TRUCKS

99 Route de Lyon TER L10 0 01
69806 Saint Priest Cedex
Franza

(99) ROLLS-ROYCE MOTOR CARS LTD

Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(100) ROMANITAL SRL
Via delle Industrie, 107
90040 Isola delle Femmine PA
L-Italja

(101) SAIC MAXUS AUTOMOTIVE CO LTD
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
SAIC Europe Sarl
Rue Robert Stümper 4,
2557 Luxembourg
Il-Lussemburgu

(102) SAIC MOTOR CORPORATION
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
SAIC Motor Europe BV
Professor W.H. Keesomlaan 12,
1183 DJ Amstelveen
In-Netherlands

(103) SEAT SA
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(104) SECMA SAS
Rue Denfert Rochereau
59580 Aniche
Franza

(105) SKODA AUTO AS
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(106) SOCIETE DES AUTOMOBILES ALPINE
122-122 bis avenue du Général Leclerc
92100 Boulogne-Billancourt
Franza

(107) SSANGYONG MOTOR COMPANY

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Ssangyong European Parts Center BV
IABC 5253 & 5254,
4814 RD Breda
In-Netherlands

(108) STREETSCOOTER GMBH

Jülicher Straße 191
52070 Aachen
Il-Ġermanja

(109) SUBARU CORPORATION

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Subaru Europe NV/SA
Leuvensesteenweg 555 B/8
1930 Zaventem
Il-Belġju

(110) SUZUKI MOTOR CORPORATION

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Suzuki Magyar Corporation Ltd.
Schweidel József u. 52.
2500 Esztergom
L-Ungerija

(111) SUZUKI MOTOR THAILAND CO LTD

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Suzuki Magyar Corporation Ltd.
Schweidel József u. 52.
2500 Esztergom
L-Ungerija

(112) Konsorzju SUZUKI (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Suzuki Motor Corporation
Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Suzuki Magyar Corporation Ltd.
Schweidel József u. 52.
2500 Esztergom
L-Ungerija

(113) TECNO MECCANICA IMOLA SPA

Via Selice, Provinciale 42E
40026 Imola, Bologna
L-Italja

(114) TESLA INC

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
Tesla Motors Netherlands B.V.,
Burgemeester Stramanweg 122
1101 EN Amsterdam
In-Netherlands

(115) Konsorzju TOYOTA-MAZDA (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Toyota Motor Europe NV SA
Avenue du Bourget, 60
1140 Brussel
Il-Belġju

(116) TOYOTA MOTOR EUROPE NV SA

Avenue du Bourget, 60
1140 Brussel
Il-Belġju

(117) UAZ

Irrappreżentat fl-Unjoni minn:
C&P Motor Group s.n.c.
Via E. Mattei 65
Asciano (SI)
L-Italja

(118) UNIVERS VE HELEM

14 rue Federico Garcia Lorca
32000 Auch
Franza

(119) VOLKSWAGEN AG

Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(120) Konsorzju VOLKSWAGEN-SAIC (M1)

Maniġer tal-konsorzju:
Volkswagen AG
Postfach 011/1882
38436 Wolfsburg
Il-Ġermanja

(121) VOLVO CAR CORPORATION

Regulatory Affairs Environment (Dep 58832)
PV3A1, PVE Reception, Assar Gabrielssons väg
40531 Göteborg
L-Iżvezja

(122) XYT
6 ruelle de l'église
91350 Grigny
Franza

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS I

Parti A

PRESTAZZJONI TAL-MANIFATTURI TAL-KAROZZI TAL-PASSIĠĠIERI

Tabella 1

Il-prestazzjoni fis-sena kalendarja 2020 ta' manifatturi individwali tal-karozzi tal-passiġġieri f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/631

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Isem il-manifattur	Konsorzji Derogi Eżenzjonijiet	Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet	Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)	Medja tal-massa	L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira	Superkrediti	L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet	Marġni ta' żball
ADAM OPEL GMBH		2	1	1 691,00	0	105,36	- 105,36	0	0	0
ADIDOR VOITURES SAS	DMD	16	15	1 315,00	137,000			0	0	
ALFA ROMEO SPA	P2	34 483	32 758	1 622,57	143,334	103,082	40,252	0	0,619	0
ALPINA BURKARD BOVENSIEPEN GMBH E CO KG	D	605	574	2 053,02	199,279	214,000	- 14,721	0	0	0
ANHUI JIANGHUAI AUTOMOBILE	DMD	114	108	1 535,00	0			0	0	
ASTON MARTIN LAGONDA LTD	D	1 487	1 412	1 962,08	255,471	290,000	- 34,529	0	0	0
AUDI AG	P11	564 595	536 365	1 683,79	104,588	105,120	- 0,532	7,5	0,646	0
AUDI HUNGARIA MOTOR KFT	P11	3 824	3 632	1 416,83	148,052	96,230	51,822	0	0,001	0
AUDI SPORT GMBH	P11	13 505	12 829	1 905,33	227,140	112,497	114,643	0	0	0
AUTOMOBILE DACIA SA	P8	278 828	264 886	1 184,74	111,233	88,502	22,730	0,729	0,955	0,001
AUTOMOBILES CITROEN	P7	340 836	323 794	1 167,80	95,997	87,938	8,058	0,607	0,971	0,001
AUTOMOBILES PEUGEOT	P7	351 543	333 965	1 395,74	94,306	95,528	- 1,222	3,073	0,481	0
AUTOMOBILI LAMBORGHINI SPA	D	1 537	1 460	2 021,67	319,607	304,000	15,607	0	0,241	0
AVTOVAZ JSC	P8	884	839	1 313,44	183,838	92,788	91,050	0	0	0
BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG	P1	801 925	761 828	1 647,62	98,137	103,916	- 5,779	7,5	2,114	0
BEIJING BORGWARD AUTOMOTIVE CO LTD	DMD	1	0	1 854,00						

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Isem il-manifattur	Konsorzji Derogi Eżenzjonijiet	Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet	Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)	Medja tal-massa	L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira	Superkrediti	L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet	Marġni ta' żball
BENTLEY MOTORS LTD	D	2 753	2 615	2 452,10	255,614	245,000	10,614	0	0,006	0
BLUECAR SAS	DMD	6	5	1 515,00	0			0	0	
BMW M GMBH	P1	14 510	13 784	1 863,37	228,218	111,100	117,118	0	0,283	0
BUGATTI AUTOMOBILES SAS	P11	7	6	2 070,00	522,833	117,981	404,852	0	0	0
CATERHAM CARS LIMITED	DMD	127	120	693,70	167,142			0	0	
CNG-TECHNIK GMBH	P3	12 060	11 457	1 508,72	100,219	99,290	0,929	0	0	0
DFSK MOTOR CO LTD	DMD	733	696	1 628,78	223,672			2,893	0	
DONKERVOORT AUTOMOBIELEN BV	DMD	1	0	865,00						
DR AUTOMOBILES SRL	D	3 329	3 162	1 409,93	139,400	148,000	- 8,600	0	0	0
DR ING HCF PORSCHE AG	P11	68 130	64 723	2 004,95	136,493	115,815	20,662	7,5	0,770	0,016
DR MOTOR COMPANY SRL	D	7	6	1 352,86	175,667	148,000	27,667	0	0	0
FABBRICA DALLARA SRL	DMD	12	11	1 010,00	230,000			0	0	
FABRYKA SAMOCHODÓW OSOBOWYCH SYRENA W KUTNIE SA	DMD	5	4	1 300,00	145,000			0	0	
FERRARI SPA	D	3 591	3 411	1 688,05	277,964	280,000	- 2,036	0	0	0
FCA ITALY SPA	P2	488 321	463 904	1 184,89	104,803	88,507	16,296	2,039	1,412	0
FCA US LLC	P2	105 438	100 166	1 612,46	132,733	102,745	29,988	3,182	0,905	0
FORD INDIA PRIVATE LIMITED	P3	53	50	1 149,79	118,380	87,338	31,042	0	0	0
FORD MOTOR COMPANY OF AUSTRALIA LIMITED	P3	2	1	2 370,50	204,000	127,988	76,012	0	0	0
FORD MOTOR COMPANY	P3	10 220	9 709	1 938,21	233,057	113,592	119,463	0	0,558	0,002
FORD-WERKE GMBH	P3	648 948	616 500	1 442,12	99,956	97,073	2,882	2,779	2,289	0,001
GENERAL MOTORS HOLDINGS LLC	D	53	50	1 816,57	167,360	245,000	- 77,640	0	0	0

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Isem il-manifattur	Konsorzji Derogi Eżenzjonijiet	Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet	Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)	Medja tal-massa	L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira	Superkrediti	L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet	Marġni ta' żball
GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED	DMD	371	352	1 605,90	160,000			0	0	
GUMPERT SPORTWAGENMA-NUFAKTUR GMBH	DMD	1	0	1 825,00						
HENAN SUDA ELECTRIC VEHICLES TECHNOLOGY	DMD	27	25	1 465,00	0			0	0	
HONDA MOTOR CO LTD	P2	78 277	74 363	1 425,25	102,240	96,511	5,729	5,410	0,677	0
HYUNDAI ASSAN OTOMOTIV SANAYI VE TICARET AS	P4	114 691	108 956	1 063,25	110,538	84,456	26,081	0	0,610	0,001
HYUNDAI MOTOR COMPANY	P4	143 251	136 088	1 505,31	68,226	99,177	- 30,964	7,5	0,057	0,013
HYUNDAI MOTOR MANUFACTURING CZECH SRO	P4	158 777	150 838	1 525,98	110,238	99,865	10,364	7,5	0,239	0,009
ISUZU MOTORS LTD	DMD	1	0	1 605,00						
JAGUAR LAND ROVER LIMITED	ND	157 013	149 162	2 096,03	134,657	131,823	2,834	7,5	0,571	0
JIANGLING MOTOR HOLDING CO LTD	P11	697	662	1 837,75	0	110,247	- 110,247	0	0	0
KIA CORPORATION	P5	273 022	259 370	1 358,97	83,073	94,304	- 11,301	7,5	0,077	0,070
KIA SLOVAKIA SRO	P5	144 848	137 605	1 460,96	110,891	97,700	13,189	7,5	0,074	0,002
LADA AUTOMOBILE GMBH	DMD	334	317	1 265,00	224,019			0	0	
LANZHOU ZHIDOU ELECTRIC VEHICLE	DMD	3	2	865,00	0			0	0	
LONDON EV COMPANY	P11	1	0	2 305,00						
LOTUS CARS LIMITED	D	484	459	1 099,88	199,200	225,000	- 25,800	0	0	0
MAGYAR SUZUKI CORPORATION LTD	P9/ND	58 881	55 936	1 273,35	111,247	90,283	20,964	0,005	1,997	0
MAHINDRA & MAHINDRA LTD	D	1 135	1 078	1 223,78	148,000	160,000	- 12,000	0	0	0

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Isem il-manifattur	Konsorzji Derogi Eżenzjonijiet	Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet	Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)	Medja tal-massa	L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira	Superkrediti	L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet	Marġni ta' żball
MARUTI SUZUKI INDIA LTD	P9/ND	1 749	1 661	953,00	106,966	90,283	16,683	0	0,004	0
MASERATI SPA	D	3 152	2 994	2 144,94	234,649	235,000	- 0,452	0	0	0,101
MAZDA MOTOR CORPORATION	P10	132 705	126 069	1 438,36	105,609	96,947	8,662	7,5	0,669	0
MAZDA MOTOR LOGISTIC EUROPE N. V.	P10	11 823	11 231	1 377,24	111,346	94,912	16,434	0	1,236	0
MCLAREN AUTOMOTIVE LIMITED	D	571	542	1 533,52	258,530	250,000	8,530	0	0	0
MERCEDES-AMG GMBH	P6	3 251	3 088	1 920,49	244,803	113,002	131,748	0,475	0,001	0,053
MERCEDES-BENZ AG	P6	735 395	698 625	1 727,51	103,530	106,576	- 3,049	7,5	0,710	0,003
MG MOTOR UK LIMITED	P11	17 943	17 045	1 446,76	88,537	97,227	- 8,690	7,5	0	0
MITSUBISHI MOTORS CORPORATION MMC	P8	64 215	61 004	1 694,45	99,593	105,475	- 5,899	7,5	0,295	0,017
MITSUBISHI MOTORS THAILAND CO LTD MMTH	P8	33 958	32 260	947,48	104,223	80,601	23,622	0	0,689	0
MORGAN TECHNOLOGIES LTD	DMD	353	335	1 125,45	179,042			0	0	
NEXT EGO MOBILE SE	P11	490	465	1 231,00	0	90,042	- 90,042	0	0	0
NISSAN INTERNATIONAL SA	P8	289 734	275 247	1 394,38	95,509	95,483	0,026	7,5	0,642	0
OPEL AUTOMOBILE GMBH	P7	276 745	262 907	1 382,49	98,496	95,087	3,406	3,402	1,600	0,003
PAGANI AUTOMOBILI SPA	DMD	8	7	1 471,63	343,000			0	0	
PSA AUTOMOBILES SA	P7	788 835	749 393	1 313,85	80,907	92,801	- 11,895	7,5	1,048	1E- 03
RENAULT SAS	P8	961 689	913 604	1 352,49	88,321	94,088	- 5,769	7,5	0,765	0,002
RENAULT TRUCKS	DMD	5	4	2 226,00	171,250			0	0	
ROLLS-ROYCE MOTOR CARS LTD	P1	508	482	2 655,53	349,923	137,479	212,444	0	0	0
SAIC MAXUS AUTOMOTIVE CO LTD		121	114	1 889,55	0	111,972	- 111,972	0	0	0

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Isem il-manifattur	Konsorzji Derogi Eżenzjonijiet	Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet	Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)	Medja tal-massa	L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira	Superkrediti	L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet	Marġni ta' żball
SAIC MOTOR CORPORATION LTD	P11	7 726	7 339	1 590,54	0	102,015	-102,015	0	0	0
SEAT SA	P11	363 821	345 629	1 344,30	106,315	93,815	12,472	3,822	1,062	0,028
SKODA AUTO AS	P11	606 638	576 306	1 385,40	101,771	95,184	6,587	4,766	1,362	0
SOCIETE DES AUTOMOBILES ALPINE	P8	1 124	1 067	1 174,24	146,736	88,152	58,581	0	0	0,003
SSANGYONG MOTOR COMPANY	D	8 957	8 509	1 498,37	155,452	159,000	- 3,548	0	0	0
SUBARU CORPORATION	ND	17 028	16 176	1 646,44	154,605	120,718	33,886	0	1,378	0,001
SUZUKI MOTOR CORPORATION	P9/ND	107 242	101 879	1 013,49	95,445	90,283	5,162	1,396	2,028	0
SUZUKI MOTOR THAILAND CO LTD	P9/ND	1 150	1 092	890,08	89,016	90,283	- 1,267	0	0	0
TECNO MECCANICA IMOLA SPA	DMD	3	2	712,00	0			0	0	
TESLA INC	P2	92 526	87 899	1 928,15	0	113,257	-113,257	0	0	0
TOYOTA MOTOR EUROPE NV SA	P10	684 726	650 489	1 372,60	91,781	94,758	- 2,981	0,728	0,220	0,004
VOLKSWAGEN AG	P11	1 307 003	1 241 652	1 461,45	96,833	97,716	- 0,888	7,5	0,467	0,005
VOLVO CAR CORPORATION	P3	286 645	272 312	1 873,11	95,900	111,425	- 15,532	7,5	0,149	0,007

Tabella 2

Il-prestazzjoni fis-sena kalendarja 2020 ta' konsorzji ta' manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/631

A	B	C	D	E	F	G	H	I	J	K
Isem il-konsorzju	Konsorzji / Derogi	Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet	Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)	Medja tal-massa	L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC	Mira ta' emissjonijiet speċifiċi	Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira	Superkrediti	L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet	Marġni ta' żball
BMW	P1	816 943	776 095	1 652,08	99,211	104,064	- 4,853	7,5	2,130	0
FCA	P2	799 045	759 092	1 369,81	90,935	94,665	- 3,730	7,5	0,974	0
FORD-VOLVO	P3	957 928	910 031	1 577,21	96,090	101,571	- 5,484	7,5	1,497	0,003
HYUNDAI	P4	416 719	395 883	1 391,52	93,232	95,388	- 2,164	7,5	0,255	0,008
KIA	P5	417 870	396 976	1 394,32	92,716	95,481	- 2,800	7,5	0,076	0,035
MERCEDES-BENZ	P6	738 646	701 713	1 728,36	103,883	106,604	- 2,725	7,5	0,708	0,004
PSA-OPEL	P7	1 757 959	1 670 061	1 312,71	88,504	92,763	- 4,260	5,324	1,010	0,001
RENAULT-NISSAN-MITSUBISHI	P8	1 630 432	1 548 910	1 336,13	92,566	93,543	- 0,979	7,5	0,749	0,002
SUZUKI	P9/ND	169 022	160 570	1 102,55	100,713	90,283	10,430	0,953	1,983	0
TOYOTA-MAZDA	P10	829 254	787 791	1 383,19	93,992	95,110	- 1,121	1,745	0,318	0,003
VW-SAIC	P11	2 954 380	2 806 661	1 488,70	99,569	98,624	0,945	7,5	0,746	0

Noti ta' spjegazzjoni għat-Tabelli 1 u 2:

Għall-kalkoli kollha li fuqhom huma bbażati l-valuri elenkati f'dawn it-Tabelli tqiesu biss dawk il-vetturi li għalihom ġew irrapportati kemm l-emissjonijiet tas-CO_2 abbażi tal-NEDC kif ukoll il-valuri tal-massa fi stat ta' tħaddim.

Kolonna A:

Tabella 1: "Isem il-manifattur" tfisser l-isem tal-manifattur kif innotifikat lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat jew, meta ma tkunx saret tali notifika, l-isem irrappurtat mill-pajjiż rapportatur.

Tabella 2: "Isem il-konsorzju" tfisser l-isem tal-konsorzju kif iddikjarat mill-maniġer tal-konsorzju.

Kolonna B:

"D" tfisser li ngħatat deroga f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2019/631 għas-sena kalendarja 2020 (manifattur ta' volum żgħir);

"ND" tfisser li ngħatat deroga f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) 2019/631 għas-sena kalendarja 2020 (manifattur li jipproduċi għal suq ristrett);

"DMD" tfisser li tapplika eżenzjoni *de minimis* f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2019/631, sabiex il-manifattur ma jkollux għalfejn jilħaq mira ta' emissjonijiet speċifiċi fl-2020;

"P" tfisser li l-manifattur huwa membru ta' konsorzju ffurmat skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/631 li l-ftehim tal-konsorzju għalih ikun validu għas-sena kalendarja 2020.

Kolonna C:

"Għadd totali ta' reġistrazzjonijiet" tfisser l-għadd totali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-sena kalendarja 2020 fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fin-Norveġja u fir-Renju Unit li għalihom huwa responsabbli l-manifattur (Tabella 1) jew il-membri tal-konsorzju (Tabella 2).

Kolonna D:

"Għadd ta' reġistrazzjonijiet ikkunsidrati (95 %)" tfisser 95 % tal-għadd totali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-sena kalendarja 2020 fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fin-Norveġja u fir-Renju Unit li huma responsabbli għalihom il-manifattur (Tabella 1) jew il-membri tal-konsorzju (Tabella 2) (95 % tal-għadd fil-kolonna C). F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/631 u mal-Avviż tal-Kummissjoni 2017/C 218/01, għas-sena kalendarja 2020, jitqiesu biss il-95 % tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri bl-anqas emissjonijiet irreġistrati għall-fini tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' kull manifattur jew konsorzju.

Kolonna E:

"Medja tal-massa" (kg) tfisser il-medja tal-massa fi stat ta' tħaddim tal-karozzi ġodda kollha tal-passiġġieri (100 %) irreġistrati fis-sena kalendarja 2020 fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fin-Norveġja u fir-Renju Unit li huma responsabbli għalihom il-manifattur (Tabella 1) jew il-membri tal-konsorzju (Tabella 2).

Kolonna F:

"Emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC" (g ta' CO_2/km) tfisser l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 għall-95 % tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri bl-inqas emissjonijiet (f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/631) irreġistrati fl-2020 fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fin-Norveġja u fir-Renju Unit li huma responsabbli għalihom il-manifattur (Tabella 1) jew il-membri tal-konsorzju (Tabella 2).

Fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC għandu jitqies dan li ġej, fejn ikun applikabbli:

— l-użu ta' superkrediti (kolonna I);

— l-iffrankar tal-emissjonijiet tas-CO_2 li jirriżulta mill-użu tal-ekoinnovazzjonijiet (kolonna J).

Kolonna G:

"Mira ta' emissjonijiet speċifiċi" (g ta' CO_2/km) tfisser il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur (Tabella 1) jew tal-konsorzju (Tabella 2) ikkalkolata f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 u b'M_0 li jkun 1 379,88, jew, fejn applikabbli ("D" jew "ND" fil-kolonna B), il-mira ta' deroga mogħtija skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/631. Meta l-manifattur jibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) 2019/631 ("DMD" fil-kolonna B), ma tkun tapplika l-ebda mira ta' emissjonijiet speċifiċi u għalhekk ma tissemma wkoll l-ebda "distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira" (kolonna H) jew "marġni ta' żball" (kolonna K).

Kolonna H:

"Distanza li fadal biex tintlaħaq il-mira" (g ta' CO_2/km) tfisser id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC (kolonna F) u l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi (kolonna G), li minnha jitnaqqas il-marġni ta' żball (kolonna K).

Meta l-valur tad-distanza li jkun fadal biex tintlaħaq il-mira jkun akbar minn żero, dan ifisser li l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tkun inqabżet.

Għal manifattur, li jkun membru ta' konsorzju ("P" fil-kolonna B), il-konformità mal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi tiġi vvalutata biss fil-livell tal-konsorzju.

Kolonna I:

"Superkrediti" (g ta' CO_2/km) tfisser krediti ta' emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/631 u ddeterminati f'konformità mal-punt 4.1(g) tal-Avviż tal-Kummissjoni 2017/C 218/01, li jitqiesu għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC (kolonna F), b'massimu ta' 7,5 g ta' CO_2/km. Għad-determinazzjoni tal-ammont ta' superkrediti attribwiti lil manifattur jew konsorzju, kull waħda mill-karozzi tal-passiġġieri l-ġodda tiegħu rreġistrati fl-2020 fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fin-Norveġja u fir-Renju Unit b'emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' anqas minn 50 g ta' CO_2/km (NEDC) tingħadd bħala żewġ karozzi tal-passiġġieri.

Kolonna J:

"Iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet" (g ta' CO_2/km) tfisser l-iffrankar tal-emissjonijiet li jitqies għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 abbażi tal-NEDC (kolonna F), li jirriżulta mill-użu tat-teknoloġiji innovattivi li jagħtu kontribut ivverifikat għat-tnaqqis tas-CO_2 u li ġew approvati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/631. Tqiesu biss l-ekoinnovazzjonijiet approvati fir-rigward tal-proċedura tat-test tal-emissjonijiet abbażi tal-NEDC. L-iffrankar tas-CO_2 mill-ekoinnovazzjonijiet jiġi kkalkolat f'konformità mal-punt 4.1(f) tal-Avviż tal-Kummissjoni 2017/C 218/01.

Kolonna K:

